MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 383/2013

Il-Pulizija

(Spettur Keith Arnaud)

vs

**Mark Lawrence Rizzo**

iben Emanuel, imwieled l-Ingilterra, fit-8 ta' Lulju, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 216383(M)

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mark Lawrence Rizzo quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-21 ta` Frar, 2008, f’xi hin bejn il-hamsa ta` wara nofs inhar (1700hrs) u l-l-ghaxra u nofs ta` fil-ghaxija (2230hrs), minn gewwa l-imhazen tad-Dwana ta` Malta bl-isem General Examination Shed li jinsabu fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, ikkommettew serq ta` armi tan-nar u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok ghad-detriment tal-Gvern ta` Malta, ta` Raymond Cauchi minn Ghawdex u/jew persuna jew persuni ohra.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru , ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) imma izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), ghad-detriment tal-Gvern ta` Malta.

Talli fl-istess data u fil-granet ta` wara, f’dawn il-Gzejjer, zammew f’xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellhom licenzja taht l-istess Att.

Talli fl-istess data u cirkostanzi u fil-granet ta` wara, xjentement f’Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti.

Talli huma saru recidivi ai termini ta` l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta’ Settembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 269(d), 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280 (1)(2), 281(b), 325(1)(b), 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-artikoli 5 (1) u 5(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta. Il-Qorti sabet lill- imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni wara li nnotat li s-serqa kienet saret b’aggravju peress li l-imhazen kienu tad-Dipartiment tad-Dwana, l-armi wzati fis-serqa ma kienux gew irkuprati u nuqqas ta` koperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi.

Ghaldaqstant il-Qorti ikkundannatu ghal erba` (4) snin prigunerija effettiva li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa kien taht arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appellant Mark Lawrence Rizzo tat-13 ta’ Settembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant instab hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; tvarja l-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz. -

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi dan l-Appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna il-piena. Illi f'dan is-sens l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-piena nflitta fuqu kienet wahda eccessiva. Ghalhekk fid-dawl ta' dak sottopost, l-appellant umilment jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Illi fl-ewwel lok, skond sentenza datata t-tmintax (18) ta' Awissu tas-sena elfejn u disa (2009), per Magistrat Dott E. Grima, ezebita a Fol 67 tal-process, il-ko-akkuzat, u komplici Christopher Shepherd, gie kkundannat piena karcerarja ta' sentejn u nofs. Ghalhekk hemm diskrepanza sostanzjali fil-piena erogata liz-zewg ko-akkuzati. Inoltre jidher illi l-partecipazzjoni ta' l-appellant kienet ferm inqas minn dik tal-ko-akkuzat Shepherd li huwa wkoll ricediv u li kien propju l-mohh wara din is-serqa.

Fl-umli fehma ta' l-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena nflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l- Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet: Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta'

l-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijet, l-appellant ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu, allavolja l-fedina penali tieghu bhala fatt ma hijiex wahda netta.

Fil-kawza, ‘Il-Pulizja vs Carmen Butler’, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe' li Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat li l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezarnina.

L-appellant illum huwa persuna riformata, u xhieda ta' dan huwa wkoll il-fatt, illi gie deciz illi bintu minuri illi kienet taht Care Order, inghata lura fil-kura u l-kustodja tieghu. In oltre, jirrizulta wkoll li recentement, u ossia ghal dawn l-ahhar snin, l-appellant ma gewx istitwiti ebda proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Ghalhekk ikun opportun illi jinhatar Probation Officer, sabiex ihejji pre-sentencing report dwar l-appellant.

F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novernbru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhall-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin ... li tul dawn l- ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv ... Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-

ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li tterrmina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, ‘Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia’, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk, Issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kapitolu 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il- Pulizija v. George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-Qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-artikolu 5 kif ukoll l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152; il-bqija tal-kundanni, pero, jinvolvu multi u habs ... " Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan ighid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta - anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders” zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista’ titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of  opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti. F'kazijiet bhal dawn il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt.

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li l-appellant kien informa l-Qorti fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2014 li l-armi gew ritornati lis-sidien taghhom. L-appellant mhuwiex korrett ghaliex kienu nsterqu sbatax (17) l-arma u il-pulzija sabu biss hamsa (5). Huma dawn il-hames snieter li gew ritornati lil sidhom.

Illi l-appellant kien gie akkuzat bir-reat ta' serq u fost ohrajn bir-reat ta' ricettazzjoni. Huwa pacifiku li dawn iz-zeweg reati huma alternattivi ghal xulxin. L-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati "...tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni...". L-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni dan il-fatt u ghalhekk certa mitigazzjoni tal-piena tkun f'waqtha. Dwar dan il-punt qed issir referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Frar, 2008 proprju kontra l-appellant innifsu u cioe' - 'Il-Pulizija v. Mark Lawrence Rizzo'.

Illi ma hemm ebda dubju li f'dan il-kaz piena ta' prigunerija effettiva hi ndikata u ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza l-argumenti migjuba mill-abbli difensur tal-appellant ma hemmx argumenti bizzejjed b'sahhithom li jinducu lil din il-Qorti tbiddel il-fehma taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza fejn l-imputat instab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka s-sentenza fejn l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' erba' snin prigunerija u minflok tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' tlett snin u sitt xhur prigunerija.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------